MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 727/2013

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C – 2833)**

**vs**
**Joseph Francis u Mary Ann mizzewgin Scerri (karta ta’ l-identita` numru 214062 (M)) u (karta ta’ l-identita` numru 608255 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-26 ta’ Lulju, 2013, li permezz tieghu gie sintetikament espost is-segwenti mill-Bank rikorrenti:

1.1 Illi b’kuntratt datat is-6 t’Awwissu, 2009, in atti tan-Nutar Dottor Annalisa Caruana u bi skrittura privata datata d-9 ta’ Frar, 2012, is-socjeta` rikorrenti ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-intimati fuq riferiti;

1.2 Illi s-socjeta` rikorrenti hi kredirtici tal-intimati fis-somma ta' tmienja u sebghin elf, mitejn u hamsa u hamsin Ewro u hamsa u hamsin centezmu, (€78,255.55), bilanc ghad-debitu *de quo*, flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-20 ta' Gunju, 2013, sad-data tal-effettiv pagament;

1.3 Illi *in oltre*, sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq indikati billi l-intimati:

1.3.1. Naqsu li jhallsu l-pagamenti dovuti kif stipulat;

1.3.2. Kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti;

1.3.3. Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-intimati li jipperikolaw u jaffettwaw hazin il-possibilita` ta' hlas tad-debitu minnhom inkors lis-socjeta` rikorrenti;

1.4. Illi nonostante li l-intimati kienu debitament interpellati biex ihallsu d-dejn *de quo*, xorta wahda baqghu inadempjenti;

1.5. Illi ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1.5.1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur, (ara fol 2), li jipperikolaw u jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tad-debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti mill-intimati;

1.5.2. Tikkundanna lill-initmati jhallsu s-somma ta' tmienja u sebghin elf, mitejn u hamsa u hamsin Ewro u hamsa u hamsin centezmu, (€78,255.55), bilanc ghad-debitu tal-intimati, flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-20 ta' Gunju, 2013, sad-data tal-effettiv pagament;

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

1.6. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

1.7. Tirrileva li l-intimati *de quo,* nonostante li gew debitament notifikati skont il-ligi baqghu fi stat ta' kontumacia;

1.8. Semghet lix-xhud tas-socjeta` rikorrenti li kkonfermat li l-ammont mitlub mis-socjeta` rikorrenti baqa' invarjat u ghadu kollu dovut mill-intimati;

Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

1.9. Illi in vista tal-premess din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tqis li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement:

**DECIDE:**

1.9.1. Tiddikjara u tiddeciedi li effettivament sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq riferiti partikolarment imma mhux esklussivament li l-intimati konjugi Scerri:

1.9.1.i. Naqsu li jhallsu l-pagamenti minnhom dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura privata;

1.9.1.ii. Kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata;

1.9.1.iii. Sofrew tibdil materjali fic-cirkostanzi li jipperikolaw jew jeffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti;

1.9.2. Tikkundanna lill-intimati Joseph Francis u Mary Ann konjugi Scerri biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. l-ammont ta' tmienja u

sebghin elf, mitejn u hamsa u hamsin Ewro u hamsa u hamsin centezmu, (€78,255.55), bilanc minn somma akbar ghad-debitu fil-"*Loan Credit Card u Overdraft Accounts*" tal-intimati fuq riferiti, flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-20 ta' Gunju, 2013, sad-data tal-effettiv pagament;

1.9.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati konjugi Scerri.

__________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------